MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2005

Numru 618/1995

Il-Pulizija
(supretendent Alexandra Mamo)
vs
Carmel Zahra

Illum 14 ta' Dicembru 2005.

IL-QORTI

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni migbura fil-konfront tal-imputat u dan talli f'dawn il-gzejjer, matul l-ahhar sentejn, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intrapizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, ghamel qligh ta' aktar minn LM500 ghad-dannu ta' diversi persuni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (fol 66 tal-atti) u li biha billi deherlu li tista tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-istess imputat a bazi ta' din il-kumpilazzjoni, baghat lill-istess imputat sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali f'nuqqas ta' oggezzjoni da parti tieghu.

Semghet lill-istess imputat jiddikjara li ma ghandux tali oggezzjoni.

Semghet lill-akkuzat minn jeddu.

Rat dak verbalizzat a fol 118, fol 121, fol 122, fol 127 tal-atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-ufficjal prosekutur spjegat (fol 12 et seq ibid) illi matul Mejju 1995 Louis Sammut kien baghat kwerela kontra l-akkuzat, direttur tas-socjeta Rees Furniture Limited u dan in konnessjoni ma "... xi cekks li kienu gew 'referred to drawer' u li kellhom import ta' aktar minn LM2000.00. (Ara il-fotokopji tal-istess 'cheques' esebiti in atti a fol 17 sa fol 20 u mmarkat Dok AFM 2). In oltre kien dahal rapport iehor maghmul minn socjeta kummercjali ohra bl-isem ta' Joseph Caruana and Company Limited u dan in konnessjoni ma' 'cheque' iehor mahrug mill-istess akkuzat favur din is-socjeta u b'import ta' aktar minn LM1,000.00 in konnessjoni ma' xiri ta' injam da parti tal-istess akkuzat (Ara <u>c-cheque</u> mmarkat <u>Dok AFM 1</u> u esebit in atti a fol 16). Kif jidher mill-istess cheque hemm imnizzlin ghal diversi drabi, il-kliem 'referred to drawer'. Sussegwentement l-istess ufficjal prosekutur tkellmet mal-akkuzat li da parti tieghu kien "... ippromettieli u obbliga ruhu li jhallas il-valur taghhom" cioe tac-cheques in ezami, liema hlas pero ma kienx gie effettwat mill-akkuzat. Ghalhekk hu kien gie interrogat u rrilaxxa l-istqarrija bil-miktub u li tinsab a fol 21 u fol 22 tal-atti (ara infra).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi Louis Sammut (fol 23 u fol 58 et seq ibid) spjega illi hu kien jiggestixxi hanut izda ‘part time’ kien impjegat wkoll mal-akkuzat li kien jiggestixxi socjeta kummercjali li timma-nifattura ghamara. In rigward l-impieg tieghu mal-akkuzat hu spjega illi dan kien jikkonsisti fi stimi u ‘invoicing’. Wara li ghadda certu perjodu ta’ zmien, meta hu ma kienx impjegat mal-akkuzat, ix-xhud kien wera x-xewqa tieghu li jidhol bi shab fis-socjeta gestita mill-akkuzat u fil-fatt kien sar ftehim li x-xhud seta “nidhol shab mieghu 50 fil-mija kull wiehed” u ghal dan il-ghan, ix-xhud kien hallas lill-akkuzat is-somma ta’ LM2400.00 minn somma totali mifthema ta’ LM5000.00, liema hlas sar f’pagamenti differenti permezz ta’ ‘cheques’ li huma esebiti in atti a fol 60 u mmarkati Dok LS3.

Pero, eventwalment, skond l-istess xhud “... waqt li l-affarijiet ma tantx kienu qed jimxu tajjeb u ghalhekk jiena tlift l-interess”. Ghalhekk hu kien talab lura l-flus kollha mhallsin minnu lill-akkuzat. Difatti l-akkuzat beda biex ta lix-xhud is-somma ta’ LM500.00 li dwarha “Ma kelli ebda inkwiet fuqhom”. Pero l-akkuzat kien hareg favur tieghu ‘cheques’ ammontanti ghal LM186 li ma kienux gew onorati. In oltre wara li kien ghadda perjodu ta’ zmien, pjuttost twil, u l-bilanc ta’ LM1900.00 ghadu ma kienx thallas lix-xhud, hu kien ha d-decizzjoni li ma jkomplix jahdem ‘part time’ mal-akkuzat u ghalhekk fuq talba tal-istess xhud, l-akkuzat kien hareg favur tieghu diversi ‘cheques’, erbgha b’kollox, li ma gewx imsarrfin. In rigward dawn ic-‘cheques’ ix-xhud kien tahom lura lill-akkuzat “.. meta dan ..... tani l-flus kollha lura ammontanti ghal LM1900.00” u difatti x-xhud iddikjara li l-akkuzat kien hallas kollox dovut lix-xhud “madwar xahrejn ilu” bhala konsegwenza ta’ proceduri civili u aktarx qabel ma inbdew dawk odjerni fis-27 ta’ Ottubru 1995.

Ikkunsidrat:

Illi Ray Azzopardi, in rappresentanza tal-bank involut spjega, anke permezz ta’ dokumenti (fol 33 sa fol 52 tal-atti), illi c-‘cheques’ in kwistjoni ma kienux gew onorati peress illi “... l-‘overdraft’ kien lahaq certu livell u

minhabba hekk ma stajniex nonorawhom", ossija “nuqqas ta’ fondi", in vista li kien gie oltrepassat il-limitu tal-istess 'overdraft' koncess lill-akkuzat, ossija LM5,000.00. Pero, kif spjega l-istess xhud il-bank “... kien qed jghin lill-akkuzat sabiex ihallas “ kif spjega a fol 32 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi l-avukat Dottor Michael Caruana, (fol 55 et seq ibid) spjega li l-akkuzat kien xtara minghand is-socjeta Joseph Caruana and Company Limited, xoghol ta’ injam li gie konsenjat lilu u dan bil-prezz komplessiv ta’ LM1279.85,0 li gie ‘imhallas’ permezz ta’ ‘cheque’ numru 1041 datat l-17 ta’ Frar 1995, liema ‘cheque’ kien inghata lil hu x-xhud Anton Caruana mal-konsenja (Ara l-imsemmi ‘cheque’ a fol 16 tal-atti u mmarkat Dok AFM1). Dwar l-istess ‘cheque” jekk wiehed jara fol 36 tal-atti jidher li dan ma setax jissarraf minhabba li l-‘overdraft’ koncess lill-akkuzat kien oltre l-limiti massimi tieghu. Difatti l-istess xhud ikkonferma li dan ic-‘cheque’ gie presentat lil bank diversi drabi izda “.... ma kienx hemm fondi sabiex ikopri l-istess”. Sussegwentement, wara li nbdew dawn il-proceduri, l-akkuzat kien ghamel diversi pagamenti sakemm, kif hemm verbalizzat a fol 127 tal-atti, ix-xhud kien iddikjara li qed jahfer kull bilanc ghadu dovut mill-akkuzat ossija LM79.00 jew madwar.

Ikkunsidrat

Illi l-akkuzat (Kemm fl-istqarrija msemmija, kemm meta xehed a fol 91 et seq ibid) ikkonferma illi Louis Sammut kien impjegat mieghu ghal madwar sentejn kif spjegat minn dan ix-xhud u dan bhala ‘salesmanager’ specifikatament “... aktar kien jaghmel xoghol ta’ ‘quotations’ u ’cutting list’ u jinnogozja man-nies”. L-istess Sammut kellu l-intenzjoni li jidhol shab fin-negozju gestit mill-akkuzat, liema ftehim ma sehhx “... ghax hassejt li ma kienx qed jaghmel xogholu sewwa”. Pero, ghall-iskop indikat, Louis Sammut kien thallas LM500.00 “bhala parti mis-somma tax-’share’” kif ukoll ghazel li ma jithallasx

paga sabiex din tintuza ghax-xiri tax-'shares' fil-kumpannija gia msemmija. L-akkuzat kompla biex jghid illi hu kellu xoghol fil-Libja u ghalhekk meta kien isiefer kien ihalli minn erba' sa sitt 'cheques' iffirmati minnu, izda in bjank, f'idejn Louis Sammut "ghal li jista jinqala". Hawnhekk l-akkuzat sostna illi tnejn jew tlieta mic-'cheques' li gew murija lilu mill-ufficjal prosekutur kienu minn fost dawk li hu kien halla ffirmati minnu f'idejn l-istess Louis Sammut u mimljin minn dan stess.

Skond l-akkuzat dan kien gara sabiex Louis Sammut jkollu garanzija "tal-flus li kellu jiehu minghand ir-Rees". Dwar l-istess 'cheques', l-akkuzat asserixxa illi kien qal lil Louis Sammut " ... biex ma jsarrafhomx ghax ma jissarfux". Di fatti dan li ghadu kemm intqal kien applikabbli ghac-'cheques' kollha li Louis Sammut kien fil-fatt, ha ghand il-bank sabiex jissarfu.

In rigward il-kwistjoni mas-socjeta Joseph Caruana and Company Limited, l-akkuzat semma li dan kien jirreferi ghax-xiri ta' injam da parti tal-istess socjeta gestita minnu.

In rigward hlas, wara li hu u Sammut kienu ddiskutew kif ser isir il-hlas, l-istess Louis Sammut kien hareg 'cheque' wiehed bl-ammont tal-prezz kollu, liema 'cheque' kien inkiteb minn Louis Sammut u gie ffirmat mill-akkuzat. Dwar l-istess 'cheque', dan kien gie 'post dated' peress li l-kont tal- istess socjeta kien kwazi vojt izda "kien hemm il-hsieb li meta jigi biex jissarraf, ikun hemm fondi bizzejjed". Fix-xhieda tieghu l-akkuzat semma kemm kellu fiducja f'Louis Sammut u ghalhekk "... kont inhalli f'idejh". In oltre, hu enfazizza illi "Louis Sammut .... kien jiehu hsieb il-karti kollha tieghu fl-ufficju, inkluzi affarijiet tal-Bank" kif ukoll ".... Louis Sammut kien jaf li meta inhargu dawn ic-'cheques' ma kienx hemm fondi tal-kumpannija .... "

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi a bazi ta' dak premess, l-ewwel nett, ghandu jinghad illi l-akkuza in ezami hi bazata fuq Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali li jirreferi ghal delitt ta' truffa kagunata bil-mezzi qarrieqa hemm specifikata u li permezz taghhom isir qligh

bi hsara ta' haddiehor. Dan id-delitt jirrikjedi li dan il-qligh jsir dolozament permezz ta' "mese-en-scene" ossija "messa in scena" li permezz taghha, persuna taghmel qligh bi hsara ta' persuna ohra. Fil-kazijiet in desamina, il-Qorti ma irriskontratx xi agir, da parti tal-akkuzat, li jista minimament jigi deskritt bhala wiehed uzat minn truffatur bl-uzu ta' xi 'messa in scena' da parti tal-istess akkuzat. Hawnhekk ghandu jinghad illi kien l-istess Louis Sammut li xtaq illi jidhol shab flimkien ma' l-akkuzat fis-socjeta kummercjali hawn fuq imsemmija u dwar dan il-Qorti tara illi l-istess Louis Sammut ma setax ma kienx jaf illi din is-socjeta kellha diffikultajiet finanzjarji u problema ta' likwidita. In oltre fi kliemu stess "rajt l-affarijiet ma tantx kienu qed jimxu tajjeb u bhala konsegwenza jiena tlift l-interess". Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-istess Louis Sammut ma setax ma kienx jaf illi c-'cheques' mahruga mill-akkuzat in rifuzjoni tal-flus gie moghtija mill-istess Louis Sammut, <u>bi probabbilita kbira</u>, ma kienux ser jigu onorati mill-bank minhabba nuqqas ta' fondi.
Illi in rigward il-kaz ta' xiri tal-injam da parti tal-akkuzat u 'cheque' relattiv mahrug favur is-socjeta Joseph Caruana and Company Limited anke f'dan il-kaz ma irrizultax illi kien hemm xi 'messa in scena' uzata mill-akkuzat sabiex jottjeni l-konsenja tal-injam in kwistjoni.

<u>Ikkunsidrat:</u>

Illi pero l-Qorti rat jekk f'dawn il-kazijiet jistax jigi applikat l-l-artikolu 309 tal-istess Kodici li jinvolvi l-hekk imsejjah 'frode innominato' ossija 'xi qligh iehor b'qerq' ghad-dannu ta' haddiehor, ossija reat minuri u involut f'dak deskritt fl-artikolu 309 gia citat. Hawnhekk il-Qorti tara li fil-kaz ta' Louis Sammut, il-konkluzzjoni ghandha tkun l-istess kif fil-kaz tal-artikolu 308 kif diga premess. Pero fit-tieni kaz jidher li hu minnu li l-akkuzat kien akkwista l-istess injam u hallas il-prezz kollu b'cheque li hu kien jaf, almenu bi probabbilita kbira, illi ma setax jigi onorat mill-bank minhabba dak rizultanti mix-xhieda ta' Ray Azzopardi.

<u>Ikkunsidrat:</u>

Illi ghalhekk il-Qorti tista issib lill-akkuzat hati biss kif hawn fuq premess f'kaz wiehed biss kif ghadu kemm intqal.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tillibera lill-akkuzat mill-akkuza kif migjuba kontra tieghu issib lill-istess akkuzat hati talli f'dawn il-gzejjer matul dawn l-ahhar sentejn ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn LM500.00 bi hsara tal-kumpannija "Joseph Caruana and Company Limited" u dan skond l-artikoli 309, 310 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In rigward il-piena, wara li kkunsidrat illi l-hsara kollha maghmula mill-akkuzat fil-kazijiet in ezami giet imhallsa lura u parti zghira minnha giet mahfura u li l-fedina penali tal-akkuzat kienet kwazi netta u nadifa ghal kollhox hlief ghal kontravenzjonijiet jew xi reat ta' natura kontravenzjonali, il-Qorti tara illi f'dan il-kaz ghandha tapplika piena pekunjarja adetta ghal dan il-kaz bl-operat, jekk hemm bzonn, tal-artikolu 21 tal-istess Kapitolu 9, minhabba c-cirkostanzi kif deskritti.

Ghaldaqstant il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ghal piena ta' LM100.00 multa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------